# *Il-Banċino:*

## L-esperjenza msarrfa f'damma ta' kliem

### *Antonella Grima titkellem ma' Karmnu Zerafa*



Il-Banċino kien il-vapur li kien jopera bejn l-Imġarr u l-Marfa, filwaqt li l-Queen of Peace kien bastiment li kien jagħmel vjaġġ kuljum bejn l-Imġarr u l-Port il-Kbir. Il-Queen of Peace kien jitlaq mas-sitta ta' filgħodu mill-Port tal-Imġarr u kien jasal il-Port il-kbir xi siegħa u nofs wara, u kien jitlaq mill-Belt lejn Għawdex fil-ħdax u nofs ta' filgħodu u jasal l-Imġarr fis-siegħa ta' waranofsinhar.

Kien il-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Jannar 1957, lejl li żgur jibqa' mfakkar mill-baħrin Għawdxin, il-lejl li propju fih għereq il-Banċino. Fost dawn il-baħrin kien hemm Karmnu Zerafa ta' Serafina li se jirrakkontalna l-esperjenza tiegħu. Dakinhar li għereq il-Banċino Karmnu kellu madwar tnejn u għoxrin sena.



Karmnu qalilna li dakinhar li għereq il-Banċino r-riħ kien qed jonfoħ mil-Lbiċ. Tajjeb li wieħed isemmi li fl-1957 il-*breakwater* kien baxx ħafna u għalhekk kien faċli sabiex il-mewġ jaqbeż il-breakwater. Barra minn hekk il-ġurnata tat-22 ta' Jannar, kienet ġurnata normali, il-vjaġġi saru xorta. Spiċċajt mix-xogħol hekk għas-sitta ta' filgħaxija u tlajt id-dar. Xħin wasalt id-dar lil ommi għedtilha *llejla miniex għal hawn,* kont naf li r-riħ kien qed iżid u li kien ser ikun hemm bżonn ninżel ix-xatt, fil-fatt dakinhar lanqas kont kilt.

Qalbi kienet ħebritni! Hekk għall-ħabta tas-sebgħa ġie għalija u għal sħabi Dumink il-Kaptan u flimkien inżilna x-xatt. Hekk kif wasalna x-xatt rajna li r-riħ kien żdied ġmielu. Minkejja li kien ir-riħ il-moll ma ġralu xejn imma l-antenna li kien hemm marbuta mal-fanal qaxxarha. Aħna tlajna fuq il-Queen of Peace u nżilna isfel norqdu. Wara ftit ġie il-watchman isejħilna għax il-mewġ kompla jżid. Tlajna fuq il-gverta, però ma stajna nagħmlu xejn. Il-Queen of Peace kien marbut man-naħa ta' ġewwa tal-moll filwaqt li l-Banċino kien marbut man-naħa ta' quddiem.

Aktar ma' beda jgħaddi l-ħin ir-riħ kompla jonfoħ mil-Lbiċ u l-ħalel dejjem jiżdied. Il-Banċino li s'issa kien għadu marbut mal-moll beda jissara mar-riħ. Hekk għall-11 ta' billejl beda jqaċċat iċ-ċimi u l-*wires* li kellu tant li spiċċa marbut mal-moll b'ċima waħda u qagħad fin-nofs bejn il-moll u n-naħa taż-Żewwieqa, dam qisu xi siegħa wieqaf hemmhekk sa ma' fl-aħħar qata' l-aħħar ċima u mar fuq il-blat.



Sadanittant aħna qegħdin fuq il-Queen of Peace u qed naraw dan kollu jseħħ quddiemna. Eventwalment bdew jinqatgħu ċ-ċimi tal-Queen of Peace wkoll. Ġralna l-istess bħal Banċino spiċċajna fuq katina waħda u l-pruwa tal-Queen of Peace ġiet bid-dritt il-Banċino. Dak il-ħin l-unika ħsieb li għadda minn moħħi kien li aħna konna ser nibqgħu sejrin fuq il-Banċino, kien mument ta' qtigħ il-qalb! F'dak il-mument ta' paniku, il-Kaptan Dumink qalilna li l-unika ħaġa li nistgħu nagħmlu hi li naraw noħorġux. Ta' Magro niżlu bit-trakkijiet biex jagħtuna d-dawl però sfortunatament dawn aktar kienu ta' xkiel flok ta' għajnuna għalina. Biex inġib l-istorja fil-qasir iddeċidejna li noħorġu.

Il-Kaptan ikkmanda lili sabiex noqgħod fit-tmun u meta mort nieħu t-tmun insib li r-rota ma kinitx qed tobdi. Lill-Kaptan mort għedtlu u l-unika kliem li lissen kienu *mela issa żgur mitlufin!* Wara ftit erġajt ippruvajtu u sibt li beda jobdi ftit. Dan kien iċ-ċans sabiex noħorġu l-vapur mill-Imġarr. Kif kont fuq it-tmun ġie kolp ta' baħar li ħadli t-tmun minn idejja, tant li weġġgħali jdejja. Peress li l-vapur kien ħiereġ mill-poppa l-kolp tal-baħar sab it-tmun u ħaduli. Però minkejja kollox irnexxielna noħorġu mix-xatt u bqajna ħerġin għal ġol-fliegu ta' Malta għar-raġuni li peress ma kellniex it-tmun sod, b'hekk konna mexjin favur ir-riħ. Il-fliegu ta' Malta kien bnazzi minħabba li r-riħ kien ġej minn fuq l-art, u bqajna sejrin lejn il-Port il-Kbir.

Bl-għajnuna ta' Alla wasalna l-Port il-Kbir. Xħin dħalna l-Port rajna xi ħsarat kellna fit-tmun. Jiena flimkien ma' sħabi konna mxarrbin għasra. Ta' Magro, bagħtuna x-xatt tal-Belt għand ħanut li jbiegħ il-ħwejjeġ tas-suldati u



xtrawlna tibdila tas-suldati u ġejna Għawdex s-Sibt ta' dik il-ġimgħa bil-Queen of Peace. Xħin wasalna l-Imġarr sibna ħafna nies jistennew, aktar naħseb li niżlu sabiex jaqtgħu l-kurżità, milli biex jagħtuna merħba.



Dakinhar fuq il-vapur kien hemm:

- Dumink Scicluna ta' Pupul, Kaptan
- Frans Cachia, Inġinier
- Pawlu Scicluna l-Biża, Bożin
- Toni Grima tat-Tutu, Baħri
- Loretu Grima tal-Pipa, Baħri
- Ġużepp Vella r-Reqna, Baħri
- Ġużepp Buttigieg ta' Gori, Baħri
- Jiena, Karmnu Zerafa ta' Serafina, Baħri
- Ġużepp Azzopardi ta' Summara, Watchman



Illum il-ġurnata x-xatt huwa totalment differenti, illum ix-xatt jifla għall-maltemp minħabba l-*breakwater*, it-tul tiegħu u anke l-għoli tiegħu. Maltempata simili bħalma meta għereq il-Banċino ġrat madwar erba' snin ilu l-għada tal-Milied.

